EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2018/0181/S (Sweden)

# Ir-regolamenti tekniċi u l-parir ġenerali tal-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard dwar magni bit-tokens u logħob milgħub fuq imwejjed tal-logħob tal-azzard kompletament awtomatizzati u semi-awtomatizzati

Data tal-wasla : 20/04/2018
Tmiem tal-Waqfien : 23/07/2018 (closed)

## Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2018) 01028
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2018/0181/S

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma’ jiftaħx il-perijodi ta’ dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201801028.MT)
1. MSG 002 IND 2018 0181 S MT 20-04-2018 S NOTIF

2. S

3A. Kommerskollegium
Box 6803, 113 86 Stockholm
Sverige
Tel: 08-690 48 00, Fax: 08-30 67 59
epost: 9834@kommers.se

3B. Lotteriinspektionen
Box 199,
645 23 Strängnäs

4. 2018/0181/S - H10

5. Ir-regolamenti tekniċi u l-parir ġenerali tal-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard dwar magni bit-tokens u logħob milgħub fuq imwejjed tal-logħob tal-azzard kompletament awtomatizzati u semi-awtomatizzati

6. Magni bit-tokens u logħob milgħub fuq imwejjed tal-logħob tal-azzard kompletament awtomatizzati u semi-awtomatizzati

7. - Klawsola ta’ rikonoxximent reċiproku: Fil-Kapitolu 2, l-§ 1 u fil-Kapitolu 3, l-§ 2 tal-abbozz, l-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard tirreferi għal dispożizzjonijiet dwar il-korp tal-akkreditazzjoni - il-Bord Żvediż għall-Akkreditazzjoni u l-

Valutazzjoni tal-Konformità (Swedac) - u l-kontropartijiet tiegħu f’pajjiżi oħrajn, jew partijiet li magħhom Swedac ikun daħal fi ftehim. L-ispezzjonijiet, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni għandhom jitwettqu minn korp wieħed jew aktar li għandhom jiġu akkreditati minn Swedac.

8. Ir-regolamenti proposti u l-parir ġenerali jikkonċernaw rekwiżiti tekniċi għad-detenturi ta’ liċenzji meta jorganizzaw logħob fuq magni bit-tokens. Il-partijiet tal-konċessjonijiet mhux irregolati mill-Att dwar il-Logħob tal-Azzard jew mill-Ordinanzi għandhom, flimkien mal-kundizzjonijiet tal-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard, jiġu kkonvertiti f’regolamenti. Il-qafas regolatorju se jkun ċar u standardizzat u r-regolamenti proposti u l-parir ġenerali se jsiru element kostitwenti flimkien ma’ regolamenti oħrajn ittrattati mill-awtorità.

Ir-regolamenti proposti jinkludu deskrizzjonijiet dettaljati tar-rekwiżiti funzjonali li għandhom japplikaw biex tinkiseb il-liċenzja biex jiġi organizzat logħob tax-xorti fuq magni bit-tokens.

9. L-għan huwa li r-regolamenti Żvediżi dwar il-logħob tal-azzard jiġu adattati għat-tibdil ewlieni li seħħ fis-suq tal-logħob tal-azzard minħabba l-avvanzi fit-teknoloġija diġitali u fl-istess ħin li jintlaħqu l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni. L-iskop tar-regolament propost dwar il-logħob tal-azzard huwa, fost oħrajn, li jiġi stabbilit suq tal-logħob tal-azzard sod u sigur li fih l-interessi tal-protezzjoni soċjali u d-domanda għal-logħob tal-azzard jiġu previsti b’mod ikkontrollat.

10. Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi: L-Abbozz ta’ Liġi tal-Gvern 2017/18:220 intitolat “Is-suq tal-logħob tal-azzard irregolat mill-ġdid”, u l-Ordinanza dwar il-Logħob tal-Azzard

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. Iva

16. Aspett OTK

Le - il-proġett m’għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le – l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

**********

Europeiska kommissionen

Kontaktadress Direktiv (EU) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
e-post: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu